

21.2.2024

A9-0445/315

**Emenda 315**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta' validità amministrattiva ta' liċenzji individwali tas-sewqan fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tiġi applikata frekwenza miżjuda ta' eżamijiet mediċi jew li jiġu applikati miżuri speċifiċi, inklużi restrizzjonijiet għall-awturi tar-reati tat-traffiku.

*Emenda*

***Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tassussidjarjetà***, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta' validità amministrattiva ta' liċenzji individwali tas-sewqan fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija, ***filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet tal-istat mediku u l-kapaċità ta' sewqan sikur f'konformità mal-Anness III***, fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tiġi applikata frekwenza miżjuda ta' eżamijiet mediċi jew li jiġu applikati miżuri speċifiċi, inklużi restrizzjonijiet għall-awturi tar-reati tat-traffiku, ***sabiex ikomplu jtejbu l-miżuri tas-sikurezza fit-toroq***.

Or. en

21.2.2024

A9-0445/316

**Emenda 316**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta joħorġu jew iġeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1 **u** BE, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandards minimi ta' saħħa **fiżika u mentali** għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III minflok l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness. F'dak il-każ, l-eżami mediku għandu jkopri l-inkapaċitajiet mediċi kollha msemmija fl-Anness III.

*Emenda*

***Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tassussidjarjetà***, meta joħorġu jew iġeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1, BE **u T**, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandards minimi ta' saħħa għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III minflok l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness. F'dak il-każ, l-eżami mediku għandu jkopri l-inkapaċitajiet mediċi kollha msemmija fl-Anness III.

Or. en

21.2.2024

A9-0445/317

**Emenda 317**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa [data tal-adozzjoni+18-il xahar] il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni** li jistabbilixxu l-kontenut tal-awtovalutazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness III u li jkopru l-kapaċitajiet mediċi kollha msemmija f' dak l-Anness. Dawk l-atti **ta' implimentazzjoni** għandhom jiġu adottati f' konformità **mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2)**.

*Emenda*

Sa [data tal-adozzjoni+18-il xahar] il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati** li jistabbilixxu l-kontenut tal-awtovalutazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness III u li jkopru l-kapaċitajiet mediċi kollha msemmija f' dak l-Anness. Dawk l-atti **delegati** għandhom jiġu adottati f' konformità **mal-Artikolu 21**.

Or. en

21.2.2024

A9-0445/318

**Emenda 318**  
**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, meta jġeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1, BE u T, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandards minimi ta' saħħa għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III jew l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness jew kwalunkwe forma oħra ta' valutazzjoni tas-sewqan f'konformità mas-sistema nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru ta' residenza normali. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.*

Or. en

21.2.2024

A9-0445/319

**Emenda 319**  
**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. L-Istati Membri huma mħeġġa  
jiżviluppaw kampanji nazzjonali ta'  
sensibilizzazzjoni biex iqajmu kuxjenza  
fost il-pubbliku ġenerali dwar sinjali  
mentali jew fiżiċi li jistgħu jpoġġu  
persuna f'riskju waqt li ssuq vettura.***

Or. en

21.2.2024

A9-0445/320

**Emenda 320**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

A9-0445/2023

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 12a*

*Pjattaforma għall-kooperazzjoni*

*1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-kooperazzjoni biex taggrega, tipproċessa u xxerred l-għarfien u l-informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki għal*

*(a) l-iskemi ta' taħriġ tas-sewwieqa fl-Istati Membri, inkluż it-taħriġ għal vetturi ta' użu speċjali bħal Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq,*

*(b) il-liċenzjar u l-użu normali ta' vetturi ta' użu speċjali, bħal Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq fl-Istati Membri differenti, inklużi l-implikazzjonijiet transfruntieri tad-differenzi ta' dawn ir-regoli bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu ta' tali makkinarju, u*

*(c) kwalunkwe kwistjoni oħra meqjusa xierqa.*

*2. Il-pjattaforma għandha tinkludi l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-settur tat-trasport bit-triq, u fejn possibbli tiffaċilita l-bini fuq dawn l-aħjar Prattiki.*

Or. en

21.2.2024

A9-0445/321

**Emenda 321**  
**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Sal-1 ta' Lulju 2027, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effetti tal-użu tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq u l-implikazzjoni tiegħu fuq is-suq intern u s-sikurezza fit-toroq. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tal-Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq madwar l-Unjoni.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*(komplementari għall-emendi tal-Kumitat TRAN tat-test tal-Kummissjoni, wara l-emenda 133)*

21.2.2024

A9-0445/322

**Emenda 322**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

A9-0445/2023

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2022/2561

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3, il-punt a  
huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*“(a) mill-età ta’ 21 sena:*

*(i) vetturi b’liċenzja tal-kategoriji D u D +  
E, sakemm ikollhom CPC, kif imsemmi fl-  
Artikolu 6(2).*

*Kwalunkwe Stat Membru jista’ jawtorizza  
lil sewwieqa ta’ vetturi fil-kategoriji tal-  
liċenzji tas-sewqan D1 u D1 + E biex  
isuqu tali vetturi fit-territorju tiegħu mill-  
età ta’ 18-il sena, sakemm ikollhom CPC  
kif imsemmi fl-Artikolu 6(1).*

*Kwalunkwe Stat Membru jista’ jnaqqas l-  
età minima għall-kategoriji D u DE għas-  
sewwieqa tax-xarabanks professjonali u  
tal-coaches għal:*

*- 19-il sena fit-territorju tagħhom, dment  
li x-xufiera jkunu għaddew minn taħriġ  
professjonali sħiħ u jkunu detenturi ta’  
CPC f’konformità mal-Artikolu 6(1), tad-  
Direttiva (UE) 2022/2561;*

*- 18-il sena fit-territorju tagħhom, dment  
li s-sewwieqa jkunu għaddew minn taħriġ  
professjonali sħiħ u jkunu detenturi ta’  
CPC f’konformità mal-Artikolu 6(1), tad-  
Direttiva (UE) 2022/2561, u jsuqu tali  
vetturi mingħajr passiġġieri jew fuq linji  
ta’ anqas minn 50 km mingħajr*



*passiġġieri.*

*(ii) vetturi b'liċenzja tal-kategoriji D u D + E, sakemm ikollhom CPC, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1).*

*Kwalunkwe Stat Membru jista' jnaqqas l-età minima għall-kategoriji D u DE għas-sewwieqa tax-xarabanks professjonali u tal-coaches għal:*

*- 19-il sena fit-territorju tagħhom, dment li x-xufiera jkunu għaddew minn taħriġ professjonali sħiħ u jkunu detenturi ta' CPC f'konformità mal-Artikolu 6(1), tad-Direttiva (UE) 2022/2561;*

*- 18-il sena fit-territorju tagħhom, dment li s-sewwieqa jkunu għaddew minn taħriġ professjonali sħiħ u jkunu detenturi ta' CPC f'konformità mal-Artikolu 6(1), tad-Direttiva (UE) 2022/2561, u jsuqu tali vetturi mingħajr passiġġieri jew fuq linji ta' anqas minn 50 km mingħajr passiġġieri.*

Or. en

21.2.2024

A9-0445/323

**Emenda 323**  
**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**  
f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 23 – paragrafu 1b (ġdid)**  
Direttiva (UE) 2022/2561  
Artikolu 5 – paragrafu 3– punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3, il-punt (b)  
huwa mħassar:***

***“(b) mill-età ta’ 23 sena, vettura li għaliha  
hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-  
kategoriji D u D + E, sakemm ikollhom  
CPC, kif imsemmi fl-Artikolu 6(2).”***

Or. en

21.2.2024

A9-0445/324

**Emenda 324**

**Elżbieta Katarzyna Łukacijewska**

f' isem il-Grupp PPE

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [data tal-adozzjoni + sentejn], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

*Emenda*

***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 (ġdid)***, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [data tal-adozzjoni + sentejn], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en